MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Numru. 804/2011

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Magnus Ake Karneus Hall, iben Klas, imwieled l-Isvezja fil-11 ta’ Diċembru, 1989, Passaport numru 80592375

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer fis-27 ta’ Frar, 2011 għal ħabta tal-11.00 a.m. minn Azalea, Triq is-Swieqi, Swieqi u/jew mill-viċinanzi –
1. ikkometta serq ta’ playstation wireless controller għad-dannu ta’ Graziella Abela liema serq hu aggravate bil-mezz u bil-lok;
2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt cioe’ jisraq playstatiion 3, playstation pportable u 7 logħbiet għad-dannu ta’ Graziella Abela, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta’ bidu għall-esekuzzjoni

tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indiependenti mill-volonta' tiegħu, liema serq kieku seħħ kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok;
3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsara tas-sidien jew tad-detenturi, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta ta' ħaddieħor u cioe' ta' Graziella Abela ta' Azalea, Triq is-Swieqi, Swieqi u Maryanne Pace ta' Paloma, Triq is-Swieqi, Swieqi, rispettivament.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(e), 263(a), 269(g), 41, 263(a), 267, 269(g), 278(1)(2)(3) u 340(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------